MINUTI

REGJUN CENTRALI

LAQGHA NUMRU 1

1 t'Ottubru 2010

Il-Kumitat tar-Regjun Centrali ltaqa' fl-ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida fl-indirizz Misrah Il-Menqa, Msida fis-6.00 ta' fil-ghaxija.

PREZENTI

President Regjun Dr. Malcolm Mifsud, Is-Sir Peter Bonello Sindku San Giljan, Ms . Johanna Gonzi Sindku Sliema, Is-Sur Anthony Dalli Sindku Iklin, Is-Sur Clifton Grima Sindku Msida, Is-Sur Etienne Bonello Dupuis Vici Sindku San Gwann, Is-Sur Stefan Cordina Vici-Sindku Attard, Ms. Annhelica Agius Vici-Sindku Pieta, Ms. Svetlana Curmi Segretarja Ezekutiva Sliema, Is-Sur David Soler Authorising Officer u Is-Sur Samuel Herd Segretarju Ezekuttiv Regjun Centru.

ASSENTI

Kunsilli – St. Venera, Birkirkara, Lija, Balzan u Ta' Xbiex.

Skuzat – Kunsill Lokali Gzira

AGENDA

1. Approvazzjoni tal-minuti
2. Korrispondenza
3. Introduzzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv
4. Ftuh ta’ kont bankarju
5. Updates dwar is-sistema tal-LES
6. L-ufficcju tal-Kumitat tar-Regjun

MINUTI

1. Gew iccirkolati min qabel u mehuda bhala moqrija. Approvati u gew sekondati mis-Sur Etienne Bonello Dupuis

KORRISPONDENZA

2. Ma kienx hemm xejn ipprezentat ha diskussjoni.

IINTRODUZZJONI TAS-SEGRETARJU EZEKUTTIV

3. Il-President introduca lis-Segretarju Ezekuttiv tar-Regjun Centrali lill-dawk prezenti.

Infurmhom li beda jahdem mill-ufficcju tal-Authorising Officer gewwa San Gwann mi 22 ta’ Settembru 2010. Zied jghid li aktar il-quddiem se jmur fl-ufficcju l-gdid gewwa l-Kunsill lokali tal-Msida meta dan jkun mghammar biex jkun jista jiffunzjona.

FTUH TA' KONT BANKARJU

4. Il-President ressaq din il-mozzjoni ghal approvazzjoni . Kien hemm qbdil unanimu li jintuza l-Bank Of Valletta.

UPDATE DWAR IS-SISTEMA TAL-LES

5. Dr. Mifsud qal li draft tat-tender diga ntbaghat lis-Sur Maurice Caruana. Huwa semma li ghal certu rregolaritajiet tat-traffiku bhal nuqqas ta' seatbelts u uzu tal-mobile, ghall l-ewwel darba se jinghataw twissija. Zied jghid l-kuntrattur involut se jkun responsabbli ghall l-ispejjez kollha ghal-perjodu tat-tahrig tal-wardens. Fil-laqghat li jmiss se jkompli x-xoghol fuq it-tender halli fl-ewwel ta' Jannar 2011 tkun tista tibda s-sistema l-gdida.

6. L-UFFICCJU TAL-KUMITAT TAR-REGJUN

6.1 Il-President qal li diga gie ffirmat il-kuntratt bejn id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u l-Kunsill Lokali tal-Msida u gie pprezentat lill-dawk prezenti. Il-kera hija ghal sena u tista tibqa tiggedded, Dr. Mifsud zied jghid li ghandhom jintalbu kwotazzjonijiet ghal xiri ta' ghamara u computer/printer.

6.2 Is-Sur Grima qal li fl-ahhar laqgha li saret tal-Kunsill tal-Msida diga ntalbu kwotazzjonijiet ghal l-istess ghan. Dr. Mifsud irringrazzja lis-Sur Grima u talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex japplika ghal-linja ta' telefon gdida ghal l-uzu tal-ufficcju tar-Regjun.

6.3 Kien hemm diskussjoni dwar l-ufficcju l-gdid. Issemmiet is-somma ta 80,000 Euro biex jittranga is-sular ta' fuq net gewwa l-Kunsill tal-Msida ghal uzu ta' Regjun li l-gvern qal li kien ghalja wisq. Fil-fatt inghatat b'kirja il-kamra msemmija fil-kuntratt.

6.4 Is-sur Peter Bonello qal li xorta ma kienx jkun vijabbli li tintefaq din is-somma u wara certu snin mikrija mmorru gewwa post iehor.

6.5 Kienet il-fehma generali li jinstab post iehor ghal l-uzu eskluzziv ghal dan ir-Regjun. Dr. Mifsud qal li zgur ghandha s-sena li gejja gewwa l-Msida bil-kuntratt li sar.

6.6 Dr. Mifsud semma' l-ex kamra mortwarja gewwa l-isptar San Luqa li tista tigi nnegozjata mall-gvern sabiex tintuza bhala ufficcju. Huwa stieden lill-dawk prezenti biex jekk jkunu jafu b'xi postijiet adattati ghal l-uzu ta' ufficcju jghadduh ha diskussjoni fil-laqghat li gejjien.

7. Dr. Mifsud informa li dawk prezenti li jixtieq jiltaqgha ma' kull kunsill ta' Regjun bhala introduzzjoni formali.

8. Il-laqgha ntemmet fi 7.10 ta' fil-ghaxija. Il-hin u d-data tal-laqgha li jmiss se tigi kkomunikata aktar il-quddiem.

| | |
|---|---|
| Samuel Herd | Dr. Malcolm Mifsud |
| Segretarju Ezekuttiv | President |